Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea "Ewropa li tikseb ir-riżultati — L-applikazzjoni tal-liġi Komunitarja"

COM(2007) 502 finali

(2008/C 204/02)

Nhar il-5 ta' Settembru 2007, il-Kummissjoni ddeċidiet, b'konformità ma' l-Artikolu 262 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

"Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Ewropa li tikseb ir-riżultati — L-applikazzjoni tal-liġi Komunitarja"

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar is-27 ta' Frar 2008 (rapporteur: is-Sur Retureau).

Matul l-443 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-12 u fit-13 ta' Marzu 2008 (seduta tat-12 ta' Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'59 vot favur u 2 astensjonijiet.

1. **Introduzzjoni**

1.1 Fil-komunikazzjoni tagħha *"Ewropa li tikseb ir-riżultati — Applikazzjoni tal-liġi Komunitarja"* tal-5 ta' Settembru 2007 (COM (2007) 502 finali), il-Kummissjoni tindika li fost aktar minn 9 000 miżura leġislattiva, hemm 2 000 direttiva li kull waħda minnhom għandha bżonn minn 40 sa 300 miżura ta' traspożizzjoni, u li minħabba fin-numru ta' Ewropej li jistgħu jenfasizzaw ċertu drittijiet li huma bbażati fuq il-leġislazzjoni Komunitarja, tkun idea tajba jekk, waqt is-segwitu ta' l-objettiv "leġislazzjoni aħjar", tingħata attenzjoni kbira b'mod partikulari għall-applikazzjoni tal-liġi, għall-identifikazzjoni tar-raġunijiet li minħabba fihom jibqa' jkun hemm diffikultajiet fl-applikazzjoni u fil-kontroll ta' l-applikazzjoni tal-liġi.

Għalhekk hija tissuġġerixxi li jitjieb il-metodu attwali ta' kif jingħelbu l-problemi marbutin ma' l-applikazzjoni u mal-kontroll tal-liġi Komunitarja.

1.2 Il-Kummissjoni tidentifika wkoll erba' possibbiltajiet li jistgħu jtejbu l-applikazzjoni tal-liġi:

(a) prevenzjoni: evalwazzjoni aħjar ta' l-impatt, evalwazzjonijiet tar-riskji inklużi fil-proposti tal-Kummissjoni, preżenza ta' tabella ta' korrelazzjoni f'kull proposta, taħriġ ta' l-awtoritajiet nazzjonali fil-liġi Komunitarja;

(b) reazzjoni effiċjenti u adegwata: titjib fl-iskambju ta' l-informazzjoni man-negozji u ċ-ċittadin, iżda wkoll ma' l-awtoritajiet nazzjonali, il-ġeneralizzazzjoni ta' "laqgħat globali" li hawnhekk għandhom rwol partikolari;

(c) titjib fil-metodi ta' ħidma: jiġi deċiż punt ta' kuntatt ċentrali f'kull Stat Membru li jkollu r-responsabbiltà li joħloq rabta bejn l-awtorità kompetenti nazzjonali u l-Kummissjoni, ġestjoni aktar effiċjenti tal-proċeduri ta' ksur billi jiġu stabbiliti, b'mod partikolari, ċerti prijoritajiet;

(d) tisħiħ fid-djalogu u t-trasparenza: titjib tad-djalogu interistituzzjonali, pubblikazzjoni tat-tagħrif ġenerali dwar l-effiċjenza ta' l-"istrateġija l-ġdida".

1.3 Il-Kumitat jaqbel ma' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li ttejjebdawk l-istrumenti li jippermettu l-aħjar applikazzjoni tal-liġi Komunitarja mill-Istati Membri.

Hawnhekk, huwa jixtieq jagħmel l-osservazzjonijiet li ġejjin:

2. **L-identifikazzjoni tal-problema**

2.1 Il-maġġoranza tal-problemi ta' applikazzjoni u ta' implimentazzjoni ħażina tal-liġi Komunitarja ġejja min-nuqqas ta' traspożizzjoni tad-direttivi. It-traspożizzjoni tista' tiġi definita bħala l-proċess li bih Stat Membru li għalih tkun indirizzata d-direttiva jadotta l-miżuri kollha meħtieġa għall-introduzzjoni effettiva tagħha fis-sistema legali nazzjonali permezz ta' l-istrumenti normattivi adegwati.

2.2 It-traspożizzjoni teħtieġ li jitwettqu żewġ obbligazzjonijiet min-naħa ta' l-Istati Membri:

— min-naħa l-waħda l-introduzzjoni fil-liġi nazzjonali tal-kontenut normattiv kollu tad-direttiva;

— min-naħa l-oħra, ir-revoka jew l-emenda tar-regoli nazzjonali kollha li kienu jeżistu qabel li m'humiex ser ikunu konformi mad-direttiva.

2.3 L-istess japplika għall-introduzzjoni tad-deċiżjonijiet qafas imniżżla fl-Artikolu 34 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), li, bħad-direttivi msemmija fl-Artikolu 249 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (TKE) *"għandhom jorbtu lill-Istati Membri dwar għandu jinkiseb, iżda jħallu f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali l-għażla ta' forom u metodi ."*

2.4 It-traspożizzjoni tad-deċiżjonijiet qafas ukoll tista' toħloq xi diffikultajiet. Madankollu, b'differenza għall-proċedura għal nuqqas ta' teħid tal-miżuri neċessarji mniżżla fl-Artikoli 226 u 228 tat-Trattat KE, it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ma jantiċipax tali mekkaniżmu ta' kontroll fuq inizjattiva tal-Kummissjoni f'każ ta' nuqqas ta' traspożizzjoni jew inkella ta' traspożizzjoni inkorretta. Ovvjament dan kollu ma jnaqqasx mill-importanza li l-Istati Membri għandhom iħarsu l-obbligu tat-traspożizzjoni tad-deċiżjonijiet qafas.

2.5 Għandu jiġi nnotat li l-Istati Membri għandhom qegħdin isibuha diffiċli sabiex jadattaw il-proċessi tagħhom għat-tfassil tar-regoli ta' traspożizzjoni li, kontra dak li wieħed jista' jaħseb, jikkawżaw ċerti obbligazzjonijiet legali kumplessi u kultant ipoġġu lit-tradizzjonijiet leġislattivi nazzjonali f'diffikultà.

3. **Il-punti prinċipali ta' l-obbligu ta' traspożizzjoni u d-diffikulatjiet li jaffrontaw l-Istati Membri**

3.1 Huma biss l-Istati Membri li għandhom l-awtorità jiddeċiedu dwar liema forma għandha tintuża għat-traspożizzjoni tad-direttivi u li huma stess jiddeterminaw, taħt il-kontroll ta' l-imħallef nazzjonali — l-imħallef ġenerali li japplika l-liġi Komunitarja — il-metodi li jiggarantixxu l-effikaċja tad-direttiva fil-liġi nazzjonali. Hawnhekk jeħtieġ li jiġi enfasizzat l-obbligu tal-Kummissjoni li, bħala gwardjan tat-Trattati, tiggarantixxi l-implimentazzjoni xierqa tal-liġi Komunitarja u l-funzjonament tajjeb tas-suq uniku, billi, f'każ ta' bżonn, tuża l-firxa tal-miżuri li għandha għal dan il-għan kontra l-Istati Membri (opinjoni raġunata, rikors quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, penali). Fl-aħħarnett, id-dewmien fit-traspożizzjoni jew traspożizzjoni inkorretta jew mhux kompluta ma jneħħix id-dritt li għandhom iċ-ċittadini affettwati li jinvokaw id-direttiva dwar il-liġi nazzjonali, bissaħħa tal-prinċipju tal-primat tal-liġi Komunitarja.

3.2 Għalhekk traspożizzjoni korretta teħtieġ l-adozzjoni ta' regoli nazzjonali vinkolanti li għandhom jiġu ppubblikati f'pubblikazzjoni uffiċjali ([1]), b'tali mod li l-Qorti tiċċensura s-sempliċi referenza ġenerali għal-liġi Komunitarja li tintwera bħala traspożizzjoni ([2]).

3.3 Jista' jkun li ċerti prinċipji ġenerali tal-liġi kostituzzjonali jew amministrattiva jwasslu sabiex it-traspożizzjoni permezz ta' l-adozzjoni ta' liġijiet jew regolamenti speċifiċi titqies bħala superfluwa, iżda terġa' tinħass il-ħtieġa li dawn il-prinċipji ġenerali jridu jassiguraw l-implimentazzjoni kompluta tad-direttiva min-naħa ta' l-amministrazzjoni nazzjonali.

3.4 Għalhekk it-traspożizzjoni tad-direttivi għandha tkun eżatta kemm jista' jkun. Id-direttivi li jarmonizzaw il-liġijiet nazzjonali għandhom jiġu trasposti bl-iżjed mod letterali possibbli, sabiex jiġu assigurati l-uniformità fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-liġi Komunitarja ([3]).

3.5 Dan jidher sempliċi fit-teorija, iżda fil-prattika jkun hemm każijiet fejn il-kunċetti awtonomi ta-liġi Komunitarja ([4]) ma jsibux ekwivalenza fit-terminoloġija legali nazzjonali, jew fejn dan it-tip ta' kunċett ma jirreferix għal-liġi ta' l-Istati Membri sabiex jiddetermina s-sens u l-iskop tagħhom ([5]).

3.6 Hemm ukoll każijiet fejn id-direttiva tkun tinkludi artikolu li jgħid li d-dispożizzjonijiet nazzjonali li jgħinu fit-traspożizzjoni tad-direttiva għandhom jirreferu għad-direttiva jew ikunu akkompanjati minn tali referenza meta jiġu ppubblikati. In-nuqqas ta' rispett ta' din il-klawsola magħrufa bħala l-"klawsola ta' interkonnessjoni" huwa kkundannat mill-Qorti li tirrifjuta li tikkunsidra l-eċċezzjoni li jqajmu l-Istati Membri rigward il-fatt li l-liġi interna eżistenti tagħhom hija diġà konformi mad-direttiva ([6]).

3.7 Id-diffikultà li d-direttivi jiġu trasposti b'mod korrett tirriżulta wkoll min-normattività instabbli tagħhom. Fil-fatt, insibu żewġ kategoriji prinċipali ta' dispożizzjonijiet fid-direttivi:

— id-dispożizzjonijiet "mhux obbligatorji" li jillimitaw ruħhom li jistabbilixxu l-għanijiet ġenerali; u b'hekk jagħtu lill-Istati Membri libertà pjuttost vasta għall-għażla ta' miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni;

— id-dispożizzjonijiet "normattivi/inkondizzjonati" li jimponu fuq l-Istati Membri obbligazzjoni ta' konformità tal-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni għad-dispożizzjonijiet tad-direttiva, bħalma huma d-definizzjonijiet, id-dispożizzjonijiet normattivi/inkondizzjonati li jimponu obbligazzjonijiet preċiżi fuq l-Istati Membri, l-annessi għad-direttivi li jista' jkun fihom listi jew tabelli ta' inventarju ta' sustanzi, oġġetti jew prodotti, u mudelli ta' dokumenti applikabbli għall-Unjoni Ewropea kollha.

3.8 Fil-każ tad-"dispożizzjonijiet mhux obbligatorji", l-evalwazzjoni tan-natura kompleta, fidila u effettiva tat-traspożizzjoni mhiex relatata ma' l-abbozzar innifsu tal-miżuri nazzjonali, iżda għall-kontenut tagħholm li għandu jikkontribwixxi għat-twettiq tad-direttiva.

3.9 Fil-każ tad-"dispożizzjonijiet normattivi/inkondizzjonati", l-attenzjoni tal-Kummissjoni u tal-Qorti taqa' mill-ewwel fuq l-abbozzar tal-miżuri nazzjonali, li jridu jikkonformaw totalment mad-dispożizzjonijiet tad-direttiva.

3.10 Issa, ċerti Stati Membri jiltaqgħu ma' diffikultajiet serji meta jkunu qegħdin jabbozzaw regoli li jintużaw għat-traspożizzjoni tad-"dispożizzjonijiet normattivi/inkondizzjonati". L-approvazzjoni tad-dispożizzjonijiet il-ġodda għandha, għat-trasparenza fil-liġi, tkun akkompanjata minn "tindif" sistematiku tat-testi, sabiex jiġi evitat li jibqa' jkun hemm dispożizzjonijiet superfluwi jew, agħar, kontradittorji. Għalhekk għandu jinstab l-aħjar bilanċ bejn traskrizzjoni dejqa żżejjed u reviżjoni wiesgħa żżejjed tad-dispożizzjonijiet konċernati, u jista' jkun li dan joħloq ċertu sors ta' diffikultajiet ([7]).

4. **Il-metodi ta' traspożizzjoni użati mill-Istati Membri**

4.1 L-għażla tat-tekniki relatati ma' l-abbozzar tal-miżuri ta' traspożizzjoni tvarja skond jekk id-dispożizzjonijiet li jridu jiġu trasposti humiex "dispożizzjonijiet opzjonali" jew "dispożizzjonijiet normattivi/inkondizzjonati":

— Jidher li iżjed ma jgħaddi ż-żmien, iżjed l-Istati Membri qegħdin jużaw it-"traspożizzjoni permezz ta' transkrizzjoni mill-ġdid" tad-"dispożizzjonijiet normattivi/inkondizzjonati"

([1]) Studju tal-Kunsill ta' l-Istat "Pour une meilleure insertion des normes communautaires dans le droit national" ("*Għal introduzzjoni aħjar tar-regoli Komunitarji fil-liġi nazzjonali*)" adottat mill-Assemblea Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Istat Franċiż fit-22 ta' Frar 2007, Documentation française, Paris, 2007.

([2]) Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunità Ewropea, sentenza ta' l-20 ta' Marzu 1997, il-Kummissjoni kontra l-Ġermanja, C 96/95, ECR p. 1653.

([3]) rapporteur: is-Sur Van Iersel; ĠU C 24, 31.1.2006.

([4]) Ara per eżempju: il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunità Ewropea, setenza tas-26 ta' Ġunju 2003, il-Kummissjoni kontra Franza, C 233/00, ECR p. I-66.

([5]) Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunità Ewropea, sentenza tad-19 ta' Settembru 2000, Gran Dukat tal-Lussemburgu kontra Linster, C 287/98, ECR p. I-69.

([6]) Ġurisprudenza stabbli, Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunità Ewropea, 23 ta' Mejju 1985, il-Kummissjoni kontra r-Repubblika Federali tal-Ġermanja, 29/84, Rec. p. 1661, Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunità Ewropea, 8 ta' Lulju 1987, il-Kummissjoni kontra l-Italja, 262/85, Rec. p. 3073, Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunità Ewropea, 10 ta' Mejju 2001, il-Kummissjoni kontra l-Olanda, C-144/99, Rec. p. I-3541.

([7]) Kontribuzzjoni tal-Kunsill ta' l-Istat Franċiż fid-XIX-il konferenza ta' l-assoċjazzjoni tal-Kunsill ta' l-Istat u tal-ġurisdizzjonijiet amministrattivi supremi ta' l-Unjoni Ewropea, l-Aja, ta' l-14 u l-15 ta' Ġunju 2004

tad-direttivi peress li t-traspożizzjoni ta' dan it-tip ta' dispożizzjonijiet ma jħallix ħafna libertà lill-Istati Membri, b'tali mod li l-attenzjoni tal-Kummissjoni u tal-Qorti tiffoka aktar fuq li jassiguraw li l-kliem tal-miżuri ta' traspożizzjoni jikkorrespondu jew anke jkunu identiċi għad-dispożizzjonijiet inkondizzjonati tad-direttiva. Għalhekk, il-Qorti qatt ma kkunsidrat li l-obbligu ta' l-eżattezza, li huwa marbut mat-traspożizzjoni tad-direttivi, jimplika bilfors traskrizzjoni pura u sempliċi mill-ġdid.

— Il-Kummissjoni hija pjuttost favur dan il-proċess ta' traskrizzjoni mill-ġdid u filwaqt li toqgħod attenta ħafna sabiex tara li d-definizzjonijiet miktuba fid-direttiva jerġgħu jidhru blistess mod fit-test tat-traspożizzjoni, dan kollu sabiex wieħed jantiċipa kull inkonsistenza semantika jew konċettwali li tkun detrimentali għall-applikazzjoni konsistenti tal-liġi Komunitarja fl-Istati Membri u għall-effett meħtieġ tagħha.

— Min-naħa l-oħra, il-kontroll tat-traspożizzjoni tad-"dispożizzjonijiet opzjonali" huwa iżjed problematiku. Infakkru li din tikkonċerna l-ipoteżi li b'konformità eżatta ma' l-Artikolu 249 tat-Trattat KE, direttiva hija limitata għall-formulazzjoni ta' l-objettivi ġenerali, u tħalli lill-Istati Membri fil-libertà diskrezzjonali rigward il-forma u l-mezzi sabiex jinkisbu l-objettivi. Għalhekk l-applikazzjoni tan-natura kompleta u eżatta tat-traspożizzjoni għandha tkun relatata mal-kontenut tal-miżuri nazzjonali, u mhux mat-tħejjija nnifisha ta' dawn il-miżuri. Il-Qorti tirrakkomanda għalhekk li l-kontroll tal-miżuri ta' traspożizzjoni għandu jipprivileġġja approċċ pragmatiku, skond il-każ, skond l-objettivi tad-direttiva u s-settur li fih tintervjeni, xi ħaġa li tista' tfixkel id-direzzjoni tal-Kummissjoni ([8]).

4.2 Fl-aħħarnett, l-Istati Membri jistgħu wkoll jagħmlu traspożizzjoni permezz ta' referenza fejn id-dispożizzjonijiet ikunu ta' natura teknika, bħal per eżempju l-annessi għad-direttiva li jkun fihom listi ta' oġġetti jew ta' mudelli ta' dokumenti, jew inkella dawk li jkunu soġġetti għal emendi frekwenti.

4.3 L-Olanda, is-Slovakkja, l-Awstrija, il-Finlandja u l-Estonja jagħmlu użu minn referenza għat-traspożizzjoni ta' l-annessi tekniċi għad-direttivi li ta' spiss jiġu emendati permezz ta' direttivi adottati skond il-proċedura tal-komitoloġija.

4.4 Wieħed josserva b'ċerta libertà li t-traspożizzjoni m'hiex faċli daqs kemm tidher u dan minħabba fil-kontenut normattiv instabbli tad-direttivi. Din id-diversità tirriżulta f'differenza bejn il-proċeduri nazzjonali tat-traspożizzjoni.

4.5 B'hekk ir-Renju Unit jirrikorri għal proċedura mgħaġġla ta' adozzjoni tal-liġijiet ta' traspożizzjoni, magħrufa bħala l-proċedura tad-"*dikjarazzjoni negattiva*" li permezz tagħha l-Gvern iressaq it-test ta' traspożizzjoni li joħroġ minn diskussjoni interministerjali, li jkun is-suġġett tad-dibattitu, quddiem il-Parlament, sakemm ma jintalabx xorta oħra.

([8]) Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, 15 ta' Ġunju 2006, il-Kummissjoni kontra l-Isvezja, C 459/04: il-Qorti rrifjutat azzjoni dwar in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu introdotta mill-Kummissjoni li kkunsidrat li l-Isvezja ma wettqitx l-obbligi tagħha skond id-Direttiva tal-Kunsill Nru 89/391/KEE tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri li jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol. Il-Qorti kkunsidrat li d-direttiva kellha titqies bħala 'direttiva qafas' li, bħala tali, ma tippreskrivix armonizzazzjoni totali tar-regoli ta' l-Istati Membri dwar il-post tax-xogħol.

4.6 Il-Belġju juża proċedura ta' urġenza li tapplika għal kull liġi f'każ fejn l-iskadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni timponi l-adozzjoni mgħaġġla ta' liġi ta' traspożizzjoni.

4.7 Min-naħa l-oħra, Stati Membri oħra m'għandhomx din it-tip ta' proċedura leġislattiva aċċelerata għall-adozzjoni tal-liġijiet ta' traspożizzjoni: il-Ġermanja, l-Awstrija u l-Finlandja huma fost dawn l-Istati.

4.8 Ġewwa Franza, m'hemm l-ebda trattament normattiv distint minħabba fir-riskji li jkopru direttivi differenti li jridu jiġu trasposti, kemm permezz ta' mezz leġislattiv semplifikat, kif ukoll permezz ta' mezz regolamentari.

5. **X'inhuma s-soluzzjonijiet rakkomandati għall-aħjar traspożizzjoni tad-direttivi?**

— Il-kwistjoni fundamentali hija li, fuq livell Komunitarju, tiġi żviluppata leġislazzjoni li tkun iżjed faċli għat-traspożizzjoni, u li tippreżenta l-koerenza konċettwali u l-istabilità relattiva li huma indispensabbli għall-attività ta' l-impriżi u tal-ħajja taċ-ċittadini;

— tiġi antiċipata l-għażla ta' l-istrument normattiv ta' traspożizzjoni billi sa mill-bidunett jiġu stabbiliti ċertu diskussjonijet dwar l-abbozz ta' direttiva, tabella ta' korrelazzjoni preċiża u aġġornata l-ħin kollu, bħalma jiġri fir-Renju Unit;

— jitħaffef il-proċess ta' traspożizzjoni hekk kif id-direttiva tigi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali Ewropew, billi tiġi assenjata koordinazzjoni interna lil punt ta' kuntatt intern li jżomm bażi ta' data mwaqqfa għal dan il-għan, hekk kif tirrakkomanda l-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha, sabiex fil-verità tipprovdi lil dan ta' l-aħħar b'sistema ta' twissija li sseħħ ftit xhur qabel id-data ta' skadenza tat-terminu tat-traspożizzjoni. Il-Belġju, l-Ungerija u l-Olanda diġà għandhom dan it-tip ta' arranġament;

— tiġi ppreferuta t-traspożizzjoni permezz ta' transkrizzjoni mill-ġdid f'każ ta' dispożizzjonijiet preċiżi u inkondizzjonati jew ta' definizzjonijiet;

— tiġi konċessa traspożizzjoni permezz ta' referenza mmirata għad-dispożizzjonijiet normattivi/inkondizzjonati tad-direttiva bħalma huma l-listi, it-tabelli li juru l-prodotti, sustanzi, għanijiet tad-direttiva, il-mudelli tad-dokumenti jew ċertifikati mehmużin mad-direttiva. Ovvjament ir-referenza trid tkun speċifika ladarba l-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li test ta' liġi interna li jagħmel referenza ġenerali għal direttiva ma jistax jitqies bħala regola valida ta' traspożizzjoni ([9]). L-Olanda, is-Slovakkja, l-Awstrija, il-Finlandja u l-Estonja jsegwu dan il-metodu ta' traspożizzjoni ta' l-annessi tekniċi għad-direttivi;

([9]) Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunità Ewropea, 20 ta' Marzu 1997, il-Kummissjoni kontra l-Ġermanja, C 96/65, Rec. p. 1653, hawnfuq imsemmi.

— jiġu adottati proċeduri nazzjonali ta' traspożizzjoni skond l-iskop tad-direttiva billi wieħed jirrikorri għal proċeduri mgħaġġla mingħajr ma jiġu injorati l-konsultazzjonijiet interni obbligatorji marbuta ma' l-adozzjoni tat-testi normattivi.

6. **Konklużjoni**

6.1 It-titjib ta' l-applikazzjoni tal-liġi Komunitarja hekk kif titlob il-Kummissjoni huwa għan li jagħmel sens u li t-twettiq tiegħu jiddependi l-iktar fuq l-Istati Membri li, bħalma wieħed jista' josserva, jaffrontaw ċerti problemi li huma iżjed kumplessi milli jistgħu jidhru ma' l-ewwel daqqa ta' għajn.

6.2 L-Istati Membri m'għandhomx jieħdu l-pretest tat-traspożizzjoni tad-direttivi sabiex jerġgħu jeżaminaw ċerti partijiet tal-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom li m'humiex direttament relatati mal-leġislazzjoni Komunitarja ("gold plating"), jew sabiex jemendaw in-nuqqas ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-liġi interna tagħhom li jnaqqsu d-drittijiet taċ-ċittadini jew ta' l-impriżi — wieħed jista' jitkellem dwar "downgrading" –, billi wieħed iżomm lill-'Brussell' responsabbli ta' dawn il-bidliet.

6.3 L-Istati Membri għandhom jirrikorru b'mod iżjed sistematiku għall-possibiltà offruta min-naħa tal-liġi oriġinali/tat-Trattati tat-traspożizzjoni tad-direttivi permezz ta' negozjati kollettivi, b'mod partikulari għal dawk id-direttivi b'kontenut soċjali u ekonomiku; skond is-suġġetti, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom jiġu kkonsultati matul il-proċess preparatorju tat-traspożizzjoni ([10]) dwar l-emendi jew iż-żidiet li għandhom isiru fil-liġi interna f'dan il-każ. Dawn il-proċeduri ta' negozjati u ta' konsultazzjoni għandhom l-għan li jippromovu u jiffaċilitaw l-applikazzjoni ulterjuri tal-liġi Komunitarja billi jserrħu fuq is-soċjetà ċivili. Filfatt, il-konsultazzjoni tas-soċjetà ċivili qabel l-adozzjoni tal-miżuri nazzjonali tat-traspożizzjoni tiċċara t-teħid ta' deċiżjoni pubblika billi, permezz ta' hekk, l-amministrazzjoni nazzjonali tkun tista' tiġbor il-fehmiet ta' l-imsieħba soċjali, ta' l-esperti u tar-rappreżentanti tal-professjonisti tas-settur ikkonċernat mill-applikazzjoni tal-miżuri ta' traspożizzjoni. Taqdi wkoll rwol pedagoġiku peress li tippermetti lil dawn l-atturi jsiru jafu aħjar il-kontenut tar-riformi li ser iseħħu. Għalhekk, ir-Renju Unit, id-Danimarka, il-Finlandja u l-Isvezja b'mod partikulari jikkonsultaw lill-imsieħba soċjali u lill-korpi konsultattivi tagħhom billi jindirizzawlhom kemm test ta' traspożizzjoni kif ukoll numru ta' mistoqsijiet preċiżi dwar dan it-test.

6.4 Tajjeb li wieħed jikkunsidra mill-ewwel l-organizzazzjoni kostituzzjonali interna ta' bosta Stati Membri (Stati Federali, deċentralizzazzjoni reġjonali, u metodi oħra ta' trasferiment ta' kompetenzi ta' l-awtoritajiet ġudizzjarji fuq livell infra-statali); l-iskadenzi ta' traspożizzjoni kultant ikollhom jiġu estiżi għad-dispożizzjonijiet Komunitarji li b'mod partikulari jaffettwaw is-setgħat trasmessi lill-entitajiet territorjali (politika reġjonali, reġjuni ultraperiferiċi u gżejjer, …).

6.5 Il-Parlamenti Nazzjonali u l-Parlamenti u l-Assembleji reġjonali (per eżempju dawk ta' l-Iskozja, tal-Belġju jew il-Länder Ġermaniżi) huma partikularment involuti u huma responsabbli għat-traspożizzjonijiet tal-liġi Komunitarja li jirriżultaw mill-qasam tal-liġi, qasam li fih huma għandhom kompetenza ta' attribuzzjoni jew ta' konsultazzjoni; il-kummissjonijiet jew il-kumitati li huma jwaqqfu għal dan il-għan għandhom jiġu sottomessi għal verifiki minn speċjalisti u rappreżentanti tas-setturi kkonċernati tas-soċjetà ċivili u għandu jkollhom setgħat partikulari sabiex jippjanaw diskussjonijiet tal-proposti tal-liġi ta' traspożizzjoni, b'tali mod li jiġi evitat li "sitwazzjonijiet urġenti" tal-leġislazzjoni interna li jitfgħu lura l-iskedi ta' diskussjoni tad-dispożizzjonijiet interni ta' traspożizzjoni mill-iskadenzi determinati; min-naħa l-oħra, il-miżuri ta' "urġenza" (delegazzjoni leġislattiva għall-eżekuttiv) jistgħu jintervjenu għal għadd ta' abbozzi li m'humiex fil-ħin u li fundamentalment m'humiex f'kunflitt bejn il-partiti politiċi, sabiex inaqqsu b'mod drastiku l-"istokk" tad-direttivi li ma ġewx trasposti fiż-żmien stipulat.

6.6 Xi wħud diġà implimentaw sistemi bil-għan li jgħaġġlu l-proċeduri ta' adozzjoni tar-regoli ta' traspożizzjoni, oħrajn żviluppaw tekniċi bil-għan li jtejbu l-kwalità tat-traspożizzjoni, oħrajn jinsabu fi stadju inqas ċert u għad iridu jadattaw ruħhom. Per eżempju, il-Ministeri u l-Parlamenti jista' jkollhom servizz ta' studju tat-traspożizzjoni li għandu l-għan li jorjenta x-xogħlijiet ta' traspożizzjoni. Hawnhekk wieħed qiegħed jitkellem dwar ċans li l-azzjoni pubblika tiġi mmodernizzata u mhux li wieħed isofri minn obbligazzjoni imposta mill-istituzzjonijiet Komunitarji, fejn fl-ewwel post insibu l-Kummissjoni. Fi kliem ieħor, kulħadd għandu jaqdi r-rwol tiegħu bis-sħiħ u jieħu r-responsabbiltà kollha tiegħu fil-bini ta' l-Unjoni Ewropea ([11]).

Brussell, it-12 ta' Marzu 2008.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Dimitris DIMITRIADIS

([10]) rapporteur: is-Sur Retureau, ĠU C 24, 31.1.2006, rapporteur: is-Sur Van Iersel, ĠU C 24, 31.1.2006.

([11]) Fi kliem ieħor, konklużjoni ta' l-istudju tal-Kunsill ta' l-Istat "*Għal introduzzjoni aħjar tar-regoli komunitarji fil-liġi nazzjonali*" hawnfuq imsemmija.